MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1254/2012

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-19 ta' Dicembru 2012, l-atturi ppremettew:-

*Illi f'incident stradali illi sehh fl-10 ta' April 2010 fi Triq J.F. Kennedy San Pawl il-Bahar korrew Adelina Kendall Sarreo illi kienet qed issuq il-vettura ta' registrazzjoni BAI 869, u Anabelle Sammut Sarreo li kienet passigjiera fl-istess vettura, meta l-intimat Reuben Valletta illi kien qed isuq vettura bin-numru ta' reigstrazzjoni bl-ittri SUP 200 b'mod negligent, habat fil-vettura misjuqa mill-esponenti Adelina Kendall Sarreo;*

*Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament l-initmat stante illi huwa saq il-vettura msemmija b'negligenza, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;*

*Illi b'konsegwenza ta' dan, ir-rikorrenti soffrew danni skond il-Ligi, inkluzi korriment, debilita' u inkapacita permanenti u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;*

*Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimat jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni permezz ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Novembru, 2011 izda l-istess intimat baqa' inadempjenti u ghaldaqstant jehtieg illi jigu likwidati d-danni sofferti mir-rikorrenti;*

Għaldaqstant, l-atturi talbu lill-qorti sabiex:

*1. Tiddikjara lill-intimati Reuben Valletta unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u cioe' l-incident awtomobilistiku illi sehh fl-10 ta' April, 2010 fi Triq J.F. Kennedy San Pawl il-Bahar, u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza ta' l-istess garrbu r-rikorrenti;*

*2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-imsemmi incident konsistenti dawn id-danni kemm f'damnum emergens kif ukoll f'lucrum cessans okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;*
*3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' danni hekk likwidat.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Novembru, 2011, u bl-imghax legali mis-16 ta' Novembru, 2011, kontra l-intimat.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fid-29 ta' Jannar 2013, il-konvenut wiegeb (fol. 15):

*1. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ilu li ammetta, tramite l-assikurazzjoni tieghu, it-tort tal-istess konvenut Reuben Valletta ghall-incident awtomobilistiku tant illi tali ammissjoni giet debitament infurmata lill-assikurazzjoni tal-attrici filwaqt illi saru l-hlasijiet kollha necessarji ghas-saldu tal-hsarat sofferti fir-rigward tal-vettura tal-attrici Adelina Kendall Sarreo. Ghaldaqstant il-konvenuti jeccepixxu li m'ghandhom ibaghtu l-ispejjez in konnessjoni mal-ewwel talba attrici;*

*2. Illi ulterjorment in vista ta' dak hawn fuq eccepit f'dan l-istadju lanqas hemm danni x'jigu likwidati fir-rigward tal-vettura tal-attrici Kendall Sarreo;*

*3. Illi, in kwantu t-talbiet attrici jirrigwardjaw danni fuq il-persuna tal-atturi, l-istess atturi ghandhom jaghtu prova illi effettivament sofrew tali danni reklamati minnhom, inkluzi danni konsistenti f'dizabilita' permanenti fuq il-persuna taghhom, u wkoll provi dwar l-ammont li skond huma ghandu jigi likwidat favurihom rispettivament. F'dan ir-rigward jinghad minn issa li debita kunsiderazzjoni ghandha tinghata ghall-fatt li skond l-espert 'ex parte' Mr. Frederick Zammit Maempel l-ebda wahda mir-rikorrenti ma soffriet griehi permanenti fuq il-persuna taghha bhala konsegwenza tal-incident surreferit. Kopja tar-rapporti relattivi qed tigi ezebita u mmarkata Dok. 'A' u 'B';*

*4. Illi mhuwiex minnu li l-atturi sofrew xi dizabilita', wisq anqas xi dizabilita' ta' natura permanenti u/jew li konsegwentement sofriet xi telf minhabba l-incident mertu ta' din il-kawza;*

*5. Illi m'hemm ebda danni x'jigu likwidati favur l-atturi;*

*6. Illi l-esponenti m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi;*

*7. Illi, l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta' April 2010 gewwa Triq J.F. Kennedy, San Pawl il-Bahar. Il-konvenut ammetta r-responsabbilta ghall-incident. Ghal dak li jirrigwarda t-tezi tal-konvenut li m'ghandux jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-ewwel talba, il-qorti ma taqbilx gialadarba ma tressqux provi min-naha tieghu. 'Il fatt wahdu li setghu thallsu l-ispejjez biex issewwiet il-hsara fil-vettura, m'huwiex bizzejjed. F'kull kaz l-ewwel talba hi biss preordinata ghat-talbiet l-ohra u ghalhekk kienet mehtiega.

2. Dwar il-likwidazzjoni tad-danni:

   (a) **Damnum Emergens** – Adelina Kendall Sarreo talbet €2,169.84 u Anabelle Sammut Sarreo talbet €893.30 (ara dokumenti fol. 36-93 u fol. 145). Min-naha tieghu l-konvenut ma kkummenta xejn dwarhom.

   (b) Il-perit mediku nominat mill-qorti rrelata li Adelina Kendall Sarreo ghandha debilita permanenti ta' 3% (fol. 112) filwaqt li Anabelle Sammut Sarreo ghand debilita permanenti ta' 1% (fol. 164). Griehi li jidher li sofrew fl-incident meritu tal-kawza. Hadd mill-partijiet ma ghazel li jaghmel eskussjoni tal-perit mediku u wisq inqas ma kkritika l-konkluzjonjiet teighu. Hu minnu li l-attrici Anabelle Sammut Sarreo u l-konvenuti pprezentaw rapporti medici *ex parte* (ara fol. 5, fol. 19, u fol. 22). Pero'

sabiex qorti tiskarta l-opinjoni ta' perit mediku nkarigat minnha, ghandhom jinghataw ragunijiet li jikkonvincu lill-qorti li l-parir tekniku tal-perit gudizzjarju ma jregix u li l-qorti ghandha taddotta l-opinjoni tax-xhud *ex parte*. M'huwiex bizzejjed li parti semplicement tipprezenta certifikat mediku *ex parte* u tieqaf hemm, iktar u iktar meta r-rapport *ex parte* jsir qabel l-inkarigu li jkun inghata lill-perit gudizzjarju.

(c) Il-griehi li sofrew l-atturi ma tawx lok ghal telf ta' qliegh fil-futur. Pero' hu llum accetat mill-gurisprudenza li l-vittma tigi kkumpensata ghad-debilita permanenti li tkun sofriet b'rizultat tal-incident, irrispettivament jekk id-debilita tatix lok ghal telf ta' qliegh. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli a bazi tar-rati ta' debilita stabbiliti mill-perit mediku.

L-attrici Adelina Kendall Sarreo twieldet fl-1958. Ghalhekk fid-data tal-incident kellha 52 sena. Il-qorti fehemet li f'dak iz-zmien ma kenitx tahdem. Imbaghad fid-19 ta' Lulju 2013 regghet dahlet tahdem fil-Korp tal-Pulizija. Illum ghandha paga ta' €1,325.39 kull erba' gimghat (fol. 135). Fis-sena 2010 il-paga minima nazzjonali ghall-persuni maggorenni kienet ta' €152.29 kull gimgha[1], cjoe' €7,919.08 fis-sena. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq dhul ta' €7,919.08 ghall-ewwel tlett snin u mbaghad b'salarju ta' €1,325.39 ghall-kumplament tas-snin. Fic-cirkostanzi l-qorti qeghda tillikwida d-danni ghad-debilita' permanenti li sofriet b'dan il-mod:-

i. €7,919 x 3 snin = €23,757 x 3% = €712.71;
ii. €15,904.68 x 4 snin = €63,618.72 x 3% = €1,908.56.

Fil-kaz ta' din l-attrici l-qorti m'hijiex ser tnaqqas 20% ghal dak li jirrigwarda *lump sum payment*, meqjus:

i. L-incident sehh f'April 2010 meta l-attrici kellha 52 sena.
ii. Mid-data tal-incident diga' ghaddew 5 snin.
iii. Il-multiplier hu ta' 7 snin.
iv. Id-danni li qeghdin jigu likwidati huma kumpens ghad-debilita permanenti li sofriet b'rizultat tal-incident u mhux minhabba li sofriet xi telf ta' qliegh.

**Total ta' elfejn sitt mija u wiehed u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2,621.27)**.

[1] S.L. 452.71.

L-attrici Anabelle Sammut Sarreo twieldet fil-11 ta' Marzu 1986. Ghalhekk fid-data tal-incident kellha 24 sena. Fis-sena 2009 kienet impjegata mal-kumpannija The Guard & Warden Services House Limited u kellha salarju ta' €10,216 (fol. 97). Fic-cirkostanzi l-qorti qeghda tillikwida d-danni ghad-debilita permanenti li sofriet:-

€11,500[2] x 32 sena = €368,000 x 1% = €3,680 – 20%[3] = **elfejn disa' mija u erbgha u erbghin ewro (€2,944)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-attur u:**

1. **Tillikwida d-danni li sofriet:-**

   (a) **Adelina Kendall Sarreo fl-ammont ta' erbat elef seba' mija u wiehed u disghin ewro u hdax-il centezmu (€4,791.11);**
   (b) **Anabelle Sammut Sarreo fl-ammont ta' tlett elef tmien mija u seba' u tletin ewro u tletin centezmu (€3,837.30).**

2. **Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil:-**
   (a) **Adelina Kendall Sarreo fl-ammont ta' erbat elef seba' mija u wiehed u disghin ewro u hdax-il centezmu (€4,791.11);**
   (b) **Anabelle Sammut Sarreo fl-ammont ta' tlett elef tmien mija u seba' u tletin ewro u tletin centezmu (€3,837.30).**

**Bl-imghax mil-lum. Spejjez a karigu tal-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Tikkunsidra zieda fid-dhul matul is-snin.
[3] Tnaqqis ghal-lump sum gialadarba l-kawza giet prezentata fid-19 ta' Dicembru 2012 u l-kawza qeghda tigi deciza wara sentejn u nofs. Fil-kaz ta' din l-attrici t-tnaqqis sar meqjus li l-kalkolu sar fuq perjodu twil ta' 32 sena.